MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Numru. 697/2012

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp James Grech)
vs
Glen Debattista, iben Francis, imwieled Pieta' fil-25 ta' Awwissu, 1959, karta ta' l-identita numru 565359(M)
u
Carmel Hartley, iben Paul, imwieled Pieta' fl-10 ta' Lulju, 1971, karta ta' l-identita numru 346071(M)
u
Ryan Debattista, iben Glen, imwieled Pieta' fit-13 ta' Jannar, 1991, karta ta' l-identita numru 73791(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli bejn is-6 u it-8 ta' Awwissu, 2011, mill-ħanut magħruf bħala Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. fi Triq Nofsinhar, Valletta:

1. ikkomettew serq ta’ kwantita’ ta’ ġjollerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37 u bil-ħin li sar għad-dannu ta’ Alfred Borg, tas-soċjeta’ Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta’ persuna/i u/jew entitajiet oħra;
2. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex l-€1,164.69 imma iżjed minn €116.47, liema ħsara saret għad-dannu ta’ Alfred Borg, tas-soċjeta’ Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta’ persuna/i u/jew entitajiet oħra;
fil-lejl ta’ bejn is-7 u it-8 ta’ Settembru, 2011 ġewwa l-ħanut Capri Café’, Triq San Zakkarija, kantuniera ma Triq Nofsinhar, Valletta:
3. bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta’ serq ġewwa l-ħanut magħruf bħala Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. fi Triq Nofsinhar, Valletta liema stabiliment huwa kontigwu mal-ħanut Capri Café’, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta’ serq aggravate bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37 u bil-ħin għad-dannu ta’ Alfred Borg, tas-soċjeta’ Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta’ persuna/i u/jew entitajiet oħra;
fl-24 ta’ Ottubru, 2011 u/jew qabel u/jew wara din id-data, fi Triq ir-Repubblika, Valletta:
4. bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta’ serq mill-Automated Teller Machines tal-HSBC Bank (malta) plc., installati mal-faċċata tal-Wembley Stores, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta’ serq aggravate bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-€2,329.37 u bil-ħin għad-dannu ta’ l-istess bank u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet oħra.
Lil **Carmel Hartley**, waħdu, talli f’Ġunju, 2011 u/jew qabel u/jew wara din id-data, f’dawn il-Gżejjer:

5. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' iktar minn €2,329.37 bi ħsara tal-werrieta ta' Anthony Calleja, tas-soċjeta' HSBC Bank Malta plc u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

lil **Glen Debattista**, waħdu, talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gżejjer:

6. kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provvisorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Jannar, 2009, cioe' li ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, dan taħt garanzija personali ta' €50,000, fost kondizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti;

lil **Carmel Hartley**, waħdu, talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gżejjer:

7. kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provvisorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fit-2 ta' Novembru, 2010, cioe' li ma jikkkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja u li jirrinkaza ruħu mhux iżjed tard mis-1.00 a.m. u ma joħroġx qabel is-6.00 a.m. waqt li jkun meħlus mill-arrest, dan taħt garanzija personali ta' €5,000 fost kondizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti;

lil **Ryan Debattista**, talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gżejjer:

8. kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provvissorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2007, cioe' li ma jikkomettiex delitt ieħor ta' natura volontarja u li jirtira ġewwa daru mhux iżjed tard mill-10.00 p.m., u li ma joħroġx qabel it-8.00 a.m. waqt li jkun meħlus mill-arrest, dan taħt garanzija personali ta' €2,329.37, fost kondizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti;

lil **Glen Debattista** u lil **Carmel Hartley**, waħedhom:

9. talli rrendew ruħhom reċidivi skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'għadd ta' sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal ts-seduta tad-9 ta' Lulju, 2012 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputati kkoperaw bi sħiħ mal-pulizija.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Glen Debattista** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)((ċ)(f), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 276, 279(b), 280(2), 325(1)(b) u 579 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija. Issib lill-imputat **Carmel Hartley** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 276, 279(b), 280(2), 325(1)(b), 308, 310(1)(a) u 579 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija. Issib lill-imputat **Ryan Debattista** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(b)((ċ)(f), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 276, 279(b), 280(2), 325(1)(b) u 579 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500).
Minbarra dan, wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' seba' mija u tmintax il-euro (€718) spejjeż inkorsi f'dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------